MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1389/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Joseph Cremona (Id. 75156M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, u seba u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1087.52) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 40051626. U minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2010, u l-fatt li l-konvenut naqas milli jipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu moghti lilu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, u seba u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1087.52), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------